*- Imgħax massimu fil-każ ta’ loans minn banek*

*- validita` ta’ garanziji magħmula qabel ma jiġi maħluq id-debitu ewlieni*

**FIL-PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 16 ta’ Dicembru 2021.**

**Rikors Nru. 996/2018 GM**

**APS Bank p.l.c. (Reg Number C 2192) u b’ digriet tat-2 ta’ April 2019 il-kelma ‘Limited’ ġiet sostitwita bl-ittra “plc”**

**vs**

**(1) C. Caruana & Bros (P 32) bħala d-debitriċi prinċipali; u**
**(2) Ambassador Clothing Limited (Reg Numru C - 22440)**
**(3) Alessia Caruana (ID 460793M) u Mirco Caruana (503695M) bħala eredi tad-defunt Tonio Caruana (ID Numru 726956M);**
**(4) Desiree` Darmanin (I.D. 24468M)**
**(5) Ivan Caruana (I.D. 244563M)**
**(6) Marion Caruana (I.D. 472362M)**
**(7) George Caruana (I.D. 554458M) ilkoll bħala garanti in solidum ta' G. Caruana & Bros (P 32)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' APS Bank plc (Reg Numru C 2192) ippreżentat fit-12 t'Ottubru 2018 li kien jinkludi talba għad-dispensa mis-smigħ tal-kawża li permezz tiegħu wara li ppremetta illi :

> Is-soċjeta' ntimata G. Caruana & Bros. hija d-debitriċi prinċipali tas-soċjeta' rikorrenti skont żewġ kuntratti ppubblikati minn Nutar Dr Christine Abela ddatati 15 t'April, 2004 (annessi u mmarkati bħala Dokumenti A u B), żewġ kuntratti ppubblikati min-Nutar Dr Carmelo Mangion ddatati 10 t' Awwissu 2006, (annessi u mmarkati bħala Dokumenti C u D), u żewġ kuntratti ppubblikati min-Nutar Dottor Malcolm Mangion ddatati 21 t'Ottubru 2008 (annessi u mmarkati bħala Dokumenti E u F), u l-intimati Ambassador Clothing Limited [Reg. Numru C-22440], Alessia Caruana ID 460793(M)] u Mirco Caruana [503695(M)] bħala eredi tad-defunt Tonio Caruana ID Numru 726956 (M)] (riċerki testamentarji hawn annessi u mmarkati Dokument G), Desiree' Caruana [ID Numru 24468 (M)], Ivan Caruana [ID Numru 244563 (M)], Marion Caruana [ID Numru 472362 (M)] u George Caruana [ID Numru 554458 (M)], huma garanti in solidum tad-debitriċi prinċipali G. Caruana & Bros., u dan skont il-garanziji segwenti:
>
> 1.1 il-garanzija datata 8 t'Awwissu, 2006, minn Ambassador Clothing Limited għall-ammont ta' Ewro 262,055 (ġia` Lm112,500) (kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dokument H);
> 1.2 il-garanzija ddatata 3l ta' Lulju, 2008, minn Ambassador clothing Limited għall-ammont ta' Ewro 117,945 (kopia hawn annessa u mmarkata bħala Dokument I);
> 1.3 il-garanzija ddatata 12 ta' Novembru, 2003, minn Tonio Caruana, Desiree' Caruana, Ivan Caruana, Marion Caruana u George Caruana għall-ammont ta' Ewro 119,963 (ġia Lm51,500) (kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dokument J);
> 1.4 il-garanzija ddatata 8 t'Awwissu, 2006, minn Tonio Caruana u Desiree' Caruana għall-ammont ta' Ewro 262,055 (ġia Lm112,500) (kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dokument K);
> 1.5 il-garanzija ddatata 31 ta' Lulju, 2008, minn Tonio Caruana u Desiree' Caruana għall-ammont ta' Ewro 52,982 (kopia hawn annessa u mmarkata bħala Dokument L);

1.6 il-garanzija ddatata 8 t' Awwissu, 2006, minn George Caruana, għall-ammont ta' Ewro 262,055 (ġia Lm112,500) (kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dokument M);

1.7 il-garanzija ddatata 31 ta' Lulju, 2008, minn George Caruana għall-ammont ta' Ewro 52,982 (kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dokument N);

1.8 il-garanzija ddatata 8 t'Awwissu, 2006, minn Ivan Caruana u Marion Caruana għall-ammont ta' Ewro 262,055 (ġia Lm112,500) (kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dokument O);

1.9 il-garanzija ddatata 31 ta' Lulju, 2008, minn Ivan Caruana u Marion Caruana għall-ammont ta' Ewro 52,982 (kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dokument P); u

1.10 il-garanzija ddatata 15 t'April, 2004, minn John Caruana għall-ammont ta' Ewro 119,963 (ġia Lm51,500) (kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dokument Q);

2. L-ammont komplessiv ta' tmien mija, ħamsa u erbgħin elf, disa' mija u tmienja u sebgħin ewro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€845,978.49) hu dovut lis-soċjeta' rikorrenti u rappreżentanti:

2.1 In kwantu għal mitejn u disgħin elf, mija u sitta u sebgħin ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (Ewro 290,176.84), flimkien mal-interessi akkumulati ta' 8%, mill-1 ta' Jannar, 2018, sad-data tal-effettiv pagament, liema bilanċ hu dovut fuq Loan Account Number 2000099420-l (kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dokument R);

2.2 In kwantu għal tmienja u erbgħin elf, mija u ħamsa u tletin ewro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (Ewro 48,135.58), flimkien mal-interessi akkumulati ta' 8% mill-l ta' Jannar, 2018, sad-data tal-effettiv pagament, liema bilanċ hu dovut fuq Loan Account Number 2000099418-l (kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dokument S);

2.3 In kwantu għal erbgħin elf, tliet mija u erbgħa u ħamsin ewro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (Ewro 40,354.27), flimkien mal-interessi akkumulati ta' 8%, mill-1 ta' Jannar, 2018, sad-data tal-effettiv pagament, liema bilanċ hu dovut fuq Loan Account Number 2000099421-2 (kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dokument T);

2.4. In kwantu għal mitejn u ħamsa u għoxrin elf, mitejn u sitta għoxrin ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (Ewro 225,226.75), flimkien mal-interessi akkumulati ta' 8%, mill-1 ta' Jannar, 2018, sad-data tal-effettiv pagament, liema bilanċ hu dovut fuq Current Account Number 2000012919-2 (kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dokument U);

2.5 Inkwantu għal mija u erbatax il-elf, erbgħa mija u sitta u sittin ewro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (Ewro 114,466.95), esklużi l-interessi, liema bilanċ hu dovut fuq Loan Interest Disposal Account Number 2000132498-4 (kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dokument V);

2.6 In kwantu għal dsatax il-elf, mija u sitt ewro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (Ewro 19,106.71), esklużi l-interessi, liema bilanċ hu dovut fuq Loan Interest Disposal Account Number 20000173842-2 (kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dokument W);

2.7 In kwantu għal ħmistax-il elf, disgħa mija u tnax-il ewro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (Ewro 15,912.77) esklużi l-interessi, liema bilanċ hu dovut fuq Loan Interest Disposal Account Number 2000173841-1 (kopja hawn onnessa u mmarkata bħala Dokument X);

2.8 In kwantu għal tnejn u disgħin elf, ħames mija u tmienja u disgħin ewro u tnejn u sittin ċenteżmu (Ewro 92,598.62), esklużi l-interessi, liema bilanċ hu dovut fuq Icda overdraft & One Account Number 2000132497-3 (kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dokument Y);

3. Illi 1-imsemmi ammont komplessiv ta' tmien mija u ħamsa u erbgħin elf, disa' mija u tmienja u sebgħin ewro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€845,978.49) huwa dejn ċert, likwidu u dovut mill-konvenuti lis-soċjeta' rikorrenti u, fil-fehma tal-istess soċjeta' rikorrenti, jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smigħ, billi, fil-fehma tal-istess soċjeta' rikorrenti, l-konvenuti m'għandhom ebda eċċezzjoni xi jressqu kontra t-talba għal-ħlas tal-imsemmi ammont komplessiv;

4. Illi, għalkemm l-intimati ġew interpellati diversi drabi sabiex iħallsu l-ammont hawn fuq imsemmi lis-soċjeta' rikorrenti, nkluż b'ittra ġudizzjarja datata 14 ta' Marzu, 2017, (kopia hawn annessa u mmarkata bħala Dokument Z) huma baqgħu inadempjenti;

5. Illi r-rappreżentant tas-soċjeta' rikorrenti għandu konjizzjoni ta' dawn il-fatti;

6. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Talab lil din il-Qorti sabiex:

i) Tilqa, t-talba tas-soċjeta' rikorrenti u tagħti sentenża bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża a tenur tal-artiklu 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

ii) Tiddikjara lill-konvenuti bħala debituri tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' tmien mija, ħamsa u erbgħin elf, disa' mija u tmienja u sebgħin ewro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€845,978.49), liema ammont huwa dejn ċert, likwidu u dovut;

iii) Konsegwentement tiddeċiedi, tordna u tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lis-soċjeta' rikorrenti l-ammont hekk likwidat ta' tmien mija, ħamsa u erbgħin elf, disa' mija u tmienja u sebgħin ewro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€845,978.49), dovut lis-soċjeta' rikorrenti fuq Loan Account Number 2000099420-1, Loan Account Number 2000099418-1, Loan Account Number 2000099421-2, Overdraft Account Number 2000012919-2, Loan Interest Disposal Account Number 2000132498-4, Loan Interest Disposal Account Number 20000173842-2, Loan Interest Disposal Account Number 2000173841-1 u Overdraft Interest Disposal Account Number 2000132497-3 rispettivament.

Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra ġudizzjarja ddatata 14 ta' Marzu, 2017, u bl-imgħaxijiet legali mill-1 ta' Jannar 2018, sad-data tal-pagament effettiv.

Rat in-Nota ta' Ivan Caruana (ID 0244563M) u George Caruana (ID 0554458M) għan-nom tagħhom personali u in rappreżentanza ta' G. Caruana & Bros (P 32) u Ambassador Clothing Limited (C-22440) ippreżentata fis-27 ta' Mejju 2019[1] li permezz tagħha opponew għad-dispensa mis-smigħ tal-kawża.

Rat id-digriet tagħha tat-28 ta' Mejju 2019[2] li permezz tiegħu awtorizzat lill-konvenuti jressqu l-eċċezzjonijiet tagħhom permezz ta' Risposti Guramentati.

[1] Fol 217

[2] fol 219

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta' Alessia Caruana, Mirco Caruana u Desiree` Darmanin li permezz tagħha eċċepew:

1. In-nullita` tar-rikors ġuramentat ai termini tal-artikolu 156(1) (a) u (b) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta billi l-pretensjoni tas-soċjeta` rikorrenti fil-konfront tal-intimati esponenti, m'hijiex spjegata b'mod ċar u sewwa, tant li s-soċjeta` rikorrenti tonqos milli tindika x'inhu l-ammont pretiz minn kull intimat. Minflok, is-soċjeta` rikorrenti tittenta tikkunsidra l-intimati kollha u l-posizzjonijiet rispettivi tagħhom, fl-istess keffa u dan bl-għan aħħari li din l-Onor Qorti tiddikjara l-intimati kollha, inkluż l-esponenti, responsabbli solidalment għas-somma sħiħa ta' €845,978.49. Madanakollu, kif ser jiġi anki spjegat f'difiżi sussegwenti, l-intimati esponenti huma tal-umli fehma, illi dan m'għandux ikun.

2. L-infondatezza tat-talbiet tas-soċjeta` attriċi fil-fatt u fid-dritt.

3. L-invalidita` tas-suppost garanziji datati 12 ta' Novembru 2003 (ara Dok. J anness mar-rikors ġuramentat) u 8 ta' Awwissu 2006 (ara Dok. K anness mar-rikors ġuramentat), billi:
   i. Fid-data tas-suppost garanzija ta' nhar it-12 ta' Novembru 2003, l-ebda mill-obbligazzjonijiet prinċipali msemmija fl-istess rikors ġuramentat ma kienu għadhom ġew fis-seħħ. Fil-fatt, filwaqt illi s-suppost garanzija ġġib id-data ta' 12 ta' Novembru 2003, l-ewwel obbligazzjonijiet prinċipali msemmija fl-istess rikors ġuramentat huma dawk li saru permezz ta' żewġ kuntratti ppubblikati fl-atti tan-Nutar Dr Christine Abela nhar il-15 ta' April 2004. L-obbligazzjonijiet prinċipali l-oħra msemmija fl-istess rikors ġuramentat saru fl-atti tan-Nutara Carmelo Mangion u Malcolm Mangion u huma datati 10 ta' Awwissu 2005 u 21 ta' Ottubru 2008 rispettivament.
   ii. Fid-data tas-suppost garanzija ta' nhar it-8 ta' Awwissu 2006, l-obbligazzjoni prinċipali relattiva kienet għadha ma ġietx fis-seħħ. Fil-fatt, filwaqt illi s-suppost garanzija ġġib id-data ta' 8 ta' Awwissu 2006, l-obbligazzjoni prinċipali fil-kuntratt ta' self u bejgħ relattiv, hija datata 10 ta' Awwissu 2006.

   Dan imur kontra dak li huwa espressament rikjest fl-artikolu 1926(l) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn jingħad illi ma jistax ikun hemm garanzija ħlief għal obbligazzjoni li tkun tiswa.

4. Fil-mertu, partikolarment fir-rigward tal-intimata esponenti Desiree` Darmanin (li hija mħarrka f'dawn il-proċeduri biss bħala suppost garanti in solidum ta' G. Caruana & Bros), jingħad illi permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 16 ta' Settembru 2016 (ara Dok.DD1 anness), kwalunkwe sehem u/jew interess fis-soċjetajiet G. Caruana & Bros u Ambassador Clothing Limited, flimkien ma' kwalunkwe dejn relatat mal-istess, ġew assenjati lid-defunt Tonio Caruana, li kien assuma "waħdu u esklussivament" l-istess dejn u obbliga ruħu li jagħmel dak kollu meħtieġ sabiex l-istess Desiree` Darmanin "tiġi rilaxxata minn kull dejn, titneħħa, u jsimha jiġi kanċellat minn kull ipoteka u/jew garanzija li hemm fuq id-djun".

5. Għandu jiġi speċifikat l-ammont pretiz mill-intimati esponenti, billi ma tirriżultax xi (suppost) garanzija fl-ammont sħiħ ta' €845,978.49 kif pretiż mis-soċjeta` rikorrenti f'dawn il-proċeduri. Jekk xejn, kwalunkwe suppost garanzija kienet dejjem limitata u fil-fatt, skont id-dokumentazzjoni preżentata mis-soċjeta` rikorrenti nfisha, is-suppost garanziji li jirrelataw mal-intimati esponenti, meta kkunsidrati flimkien, huma limitati għas-somma massima ta' €435,000 (ara Dok. J, Dok.K u Dok.L annessi mar-rikors ġuramentat tas-soċjeta` rikorrenti).

6. L-ammonti reklamati huma kkontestati billi m'huwiex ċar kif is-soċjeta` rikorrenti waslet għall-ammonti allegatament dovuti. Lanqas ma huwa ċar jekk ġiex komputat l-interess u fl-affermattiv, kif tali interess ġie hekk komputat. Fil-fatt, jirriżultaw diskrepanzi sostanzjali bejn l-ammonti pretiżi fl-ittra uffiċjali datata 14 ta' Marzu 2017 u l-ammonti llum pretiżi permezz tar-rikors ġuramentat tas-soċjeta` rikorrenti. Jispetta lis-soċjeta` rikorrenti ġġib prova tal-ammont sħiħ li qed tirreklama bħala dovut mingħand l-intimati esponenti.

7. Bl-ispejjez u salv risposti ulterjuri.

8. Fir-rigward tal-ewwel paragrafu tar-rikors ġuramentat u partikolarment għal dak li jingħad fir-rigward tas-suppost garanziji, issir referenza għal dak li diġa` ingħad fl-eċċezzjonijiet tal-intimati esponenti.

9. Fir-rigward tat-tieni paragrafu tar-rikors ġuramentat, jingħad illi m'huwiex ċar kif is-soċjeta` rikorrenti waslet għall-ammont allegatament dovut ta' €845,978.49. Lanqas ma huwa ċar jekk ġiex

komputat l-interess u fl-affermattiv, kif tali interess ġie hekk komputat.

10. Fir-rigward tat-tielet paragrafu, jingħad illi dan ftit għandu rilevanza ġjaladarba din l-Onor Qorti ċaħdet it-talba tas-soċjeta` rikorrenti sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-artikolu 167 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta.

11. Fir-rigward tar-raba' paragrafu, jingħad illi l-intimati esponenti Alessia Caruana u Mirco Caruana ma ġewx interpellati jħallsu l-ammonti msemmija fir-rikors ġuramentat tas-soċjeta` rikorrenti permezz tal-ittra uffiċjali datata 14 ta' Marzu 2017.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' G. Caruana & Bros. u Ambassador Clothing Limited, Ivan Caruana, u George Caruana li permezz tagħha eċċepew illi:

1. Fl-ewwel lok, hemm diskrepanza qawwija bejn l-ammonti dovuti skont it-talbiet attriċi u l-ammonti dovuti skont il-kalkoli tal-konvenuti, u għalhekk sabiex wieħed jivverifika l-konteġġji huwa neċessarju li ssir il-prova tal-ammonti avvanzati u tal-ħlasijiet lura, taċ-charges bankarji, tar-rati differenti ta' imgħax applikabbli fid-diversi perjodi u tar-regolarità tal-kapitalizzazzjoni ta' l-imgħaxijiet;

2. Fit-tieni lok, il-premessi attriċi huma inkompatibbli mat-talbiet fil-mertu; l-esponenti ma jistgħu jifhmu kif jista' l-bank attur minn banda waħda jaċċetta u jippremetti li r-responsabbilità tal-garanti hija limitata għaċ-ċifri speċifiċi premessi, u mbagħad jgħaddi sabiex jitlob il-kundanna solidali tal-garanti għall-ammont globali ta' €845,978.49 meta kjarament l-ammonti garantiti huma ferm inferjuri, anke magħduda l-interessi u l-ispejjeż; in partikolari, l-eċċipjenti jirrilevaw illi:

i. il-garanziji mogħtija minn Ambassador Clothing Ltd huma limitati għas-somma kapitali globali ta' €380,000 (ara garanzija Dok.H datata 8/8/06 għal €262,055 u garanzija Dok.I datata 31/7/08 għal €117,945); u

ii. il-garanziji mogħtija minn Ivan u George Caruana huma limitati għas-somma kapitali globali ta' €435,000 (ara garanzija Dok.J datata 12/11/03 għal €119,963, garanziji

Dok.M u O datati 8/8/06 għal €262,055 u garanziji Dok. U P datati 31/7/08 għal €52,982);

3. Minn dan isegwi kjarament illi l-intimata Ambassador Clothing Limited għandha d-dritt li tqajjem id-difiża li fil-kontront tagħha l-imgħaxijiet mitluba qegħdin jeċċedu l-kapital, bi ksur tal-prinċipju non ultra duplum;

4. Inoltre, mid-diskrepanza li bejn l-ammonti reklamati uffiċjali tal-14 ta' Marzu 2017 (Dok Z) u l-ammont reklamat fil-kawża, il-konvenuti kollha jidhru prima intitolati li jeċċepixxu li baqgħet issir kapitalizzazzjoni tal-imgħaxijiet anke l-call-in tal-faċilitajiet varji u li għalħekk qed jintalbu imgħaxijiet fuq imgħaxijiet b'mod mhux legali;

5. Mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, il-kapitalizzazzjoni tal-imgħax mingħajr il-kunsens tad-debitur fuq imgħaxijiet li jkunu ilhom jakkumulaw iktar minn sena tista' tintalab mingħand il-Qorti stess, imma tali talba ma tistax issir retroattivament, u jekk tintlaqa' sseħħ biss b'effett mid-data tas-sentenza; għalhekk mhuwiex leċitu ssir, kif saret, domanda għal imgħaxijiet mid-data tal-1 ta' Jannar 2018 fuq l-imgħaxijiet dekorsi qabel l-1 ta' Jannar 2018;

6. Finalment irid jiġi vverifikat jekk il-bank charges ġew imposti matul ir-relazzjoni klijentari bejn il-bank u d-debitur prinċipali kenux ġustifikati, u jekk ġewx applikati rati ta' imgħaxijiet punittivi, f'liema każ ikun hemm ukoll lok għal eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-digriet tagħha mogħti bil-mifuħ tat-12 ta' Diċembru 2019 li permezz tiegħu laqgħet it-talbiet tal-Bank biex jemenda r-rikors promotur tiegħu.[3]

Rat ir-Rikors Guramentat kif emendat li permezz tiegħu l-attur wara li ppremetta illi:

[3] fol 359

1. Is-soċjeta` ntimata G. Caruana & Bros. hija d-debitriċi prinċipali tas-soċjeta` rikorrenti skont żewġ kuntratti ppubblikati min-Nutar Dr. Christine Abela ddatati 15 t'April, 2004 (*annessi u mmarkati bhala* **Dokumenti A** u **B**), żewġ kuntratti ppubblikati min-Nutar Dr. Carmelo Mangion ddatati 10 t' Awwissu, 2006, (*annessi u mmarkati bhala* **Dokumenti C** u **D**), u żewġ kuntratti ppubblikati min-Nutar Dottor Malcolm Mangion ddatati 21 t'Ottubru 2008 (*annessi u mmarkati bħala* **Dokumenti E** u **F**), u l-intimati Ambassador Clothing Limited [Reġ. Numru C-22440], Alessia Caruana [ID 460793(M)] u Mirco Caruana [503695(M)] bħala eredi tad-defunt Tonio Caruana [ID Numru 726956 (M)] (*riċerki testamentarji hawn annessi u mmarkati* **Dokument G**), Desiree` Caruana [ID Numru 24468 (M)], Ivan Caruana [ID Numru 244563 (M)], Marion Caruana [ID Numru 472362 (M)] u George Caruana [ID Numru 554458 (M)], huma garanti *in solidum* tad-debitriċi prinċipali G. Caruana & Bros., u dan skont il-garanzji segwenti:

    1.1 il-garanzija ddatata 8 t'Awwissu, 2006, minn Ambassador Clothing Limited għall-ammont ta' Ewro 262,055 (*gia`* LM 112,500) (*kopja hawn annessa u mmarkata bħala* **Dokument H**);

    1.2 il-garanzija ddatata 31 ta' Lulju, 2008, minn Ambassador Clothing Limited għall-ammont ta' Ewro 117,945 (*kopja hawn annessa u mmarkata bħala* **Dokument I**);

    1.3 il-garanzija ddatata 12 ta' Novembru, 2003, minn Tonio Caruana, Desiree` Caruana, Ivan Caruana, Marion Caruana u George Caruana għall-ammont ta' Ewro 119,963 (*gia`* LM 51,500) (*kopja hawn annessa u mmarkata bħala* **Dokument J**);

    1.4 il-garanzija ddatata 8 t'Awwissu, 2006, minn Tonio Caruana u Desiree` Caruana għall-ammont ta' Ewro 262,055 (*gia`* LM 112,500) (*kopja hawn annessa u mmarkata bħala* **Dokument K**);

    1.5 il-garanzija ddatata 31 ta' Lulju, 2008, minn Tonio Caruana u Desiree` Caruana għall-ammont ta' Ewro 52,982 (*kopja hawn annessa u mmarkata bħala* **Dokument L**);

1.6 il-garanzija ddatata 8 t' Awwissu, 2006, minn George Caruana, għall-ammont ta' Ewro 262,055 (*gia`* LM 112,500) (*kopja hawn annessa u mmarkata bħala* **Dokument M**);

1.7 il-garanzija ddatata 31 ta' Lulju, 2008, minn George Caruana għall-ammont ta' Ewro 52,982 (*kopja hawn annessa u mmarkata bħala* **Dokument N**);

1.8 il-garanzija ddatata 8 t'Awwissu, 2006, minn Ivan Caruana u Marion Caruana għall-ammont ta' Ewro 262,055 (*gia`* LM 112,500) (*kopja hawn annessa u mmarkata bħala* **Dokument O**) ;

1.9 il-garanzija ddatata 31 ta' Lulju, 2008, minn Ivan Caruana u Marion Caruana għall-ammont ta' Ewro 52,982 (*kopja hawn annessa u mmarkata bħala* **Dokument P**); u

1.10 il-garanzija ddatata 15 t'April, 2004, minn John Caruana għall-ammont ta' Ewro 119,963 (*gia`* LM 51,500) (*kopja hawn annessa u mmarkata bħala* **Dokument Q**);

2. L-ammont komplessiv ta' tmien mija u tmienja u tletin elf, tliet mija u tnejn u sittin Ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€838,362.34), flimkien ma' l-imgħax **fuq taqsima minnu** maħdum bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mill-ewwel (1) ta' Jannar, elfejn u tmintax (2018), huwa dovut lis-soċjetà rikorrenti. Dan l-ammont huwa s-somma globali ta' erba' Accounts magħduda flimkien (tliet Loan Accounts u Current Account (OD) wieħed) u jista' jinqasam **f'żewġ taqsimiet** li flimkien jikkomponu t-totalità tiegħu:

**L-ewwel taqsima** hija l-book balance dovut fuq kull kont, liema book balance waħdu jammonta għal ħames mija u tlieta u sebgħin elf, mitejn u għoxrin Ewro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€573,220.49), somma maqsuma bejn l-erba' kontijiet kif sejjer jiġi spjegat. Mal-erba' ammonti kollha tal-book value għadhom iridu jiġi miżjuda l-interessi akkumulati bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mill-ewwel (1) ta' Jannar, elfejn u tmintax (2018), sad-data tal-effettiv pagament. Dan il-book balance jinqasam hekk:

2.1 In kwantu għal mitejn u wieħed u sebgħin elf, sitt mija u erbgħa u sebgħin Ewro u tlettax-il ċenteżmu (€271,674.13), raprezentanti l-

book balance dovut fuq Loan Account Number 20000994201 (*kopja tal-Prospett hawn annessa u mmarkata bħala* **Dokument PRR1**);

2.2 In kwantu għal sitta u erbgħin elf, seba' mija u għaxar Ewro u għoxrin ċenteżmu (€46,710.20), raprezentanti l-book balance dovut fuq Loan Account Number 20000994181 (*kopja tal-prospett hawn annessa u mmarkata bħala* **Dokument PRR2**);

2.3 In kwantu għal disgħa u tletin elf, tliet mija u ħmistax-il Ewro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€39,315.78), raprezentanti l-book balance dovut fuq Loan Account Number 20000994212 (*kopja tal-prospett hawn annessa u mmarkata bħala* **Dokument PRR3**);

2.4 In kwantu għal mitejn u ħmistax-il elf u ħames mija u għoxrin Ewro u tmienja u tletin ċenteżmu (€215,520.38), rapprezentanti l-book balance dovut fuq Current Account (OD) Number 20000129192 (*kopja tal-Istatement of Account hawn annessa u mmarkata bħala* **Dokument PRR4**);

**It-tieni taqsima** hija d-debit interests li tinkludi t-totalità tal-interessi kollha akkumulati fuq kull kont individwali sal-wieħed u tletin (31) ta' Diċembru, elfejn u sbatax (2017), liema totalità ta' debit interest tammonta għal mitejn u ħamsa u sittin elf, mija u wieħed u erbgħin Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€265,141.85). Dawn l-interessi (debit interests) qegħdin, f'din il-premessa, jiġu sseparati mill-book value preċiżament sabiex ma jkunx hemm riskju ta' mgħaxijiet fuq imgħaxijiet (compound interest). Għalhekk, id-debit interests li diġà akkumulaw fuq l-istess kontijiet sal-wieħed u tletin (31) ta' Diċembru, elfejn u sbatax (2017), u li magħhom naturalment ma jrid jiżdied l-ebda mgħax ieħor, jinqasmu hekk:

2.5 In kwantu għal mija, disgħa u għoxrin elf, tmien mija u sitta u tmenin Ewro u sbatax-il ċenteżmu (€129,886.17), id-debit interest fuq Loan Account Number 20000994201 (*kopja tal-Prospett hawn annessa u mmarkata bħala* **Dokument PRR1**);

2.6 In kwantu għal għoxrin elf, sitt mija u sebgħa u sebgħin Ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€20,677.36), id-debit interest fuq Loan Account Number 20000994181 (*kopja tal-prospett hawn annessa u mmarkata bħala* **Dokument PRR2**);

2.7 In kwantu għal sbatax-il elf, mitejn u ħamsa u erbgħin Ewro u tmienja u sittin ċenteżmu (€17,245.68) raprezentanti d-debit interest fuq Loan Account Number 20000994212 (*kopja tal-prospett hawn annessa u mmarkata bħala* **Dokument PRR3**);

2.8 In kwantu għal sebgħa u disgħin elf, tliet mija u tnejn u tletin Ewro u erbgħa u sittin ċenteżmu (€97,332.64), raprezentanti d-debit interest fuq Current Account (OD) Number 20000129192 (*kopja tal-prospett hawn annessa u mmarkata bħala* **Dokument PRR4**).

3. **Illi** l-imsemmi ammont komplessiv ta' tmien mija u tmienja u tletin elf, tliet mija u tnejn u sittin Ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€838,362.34), flimkien mal-imgħaxijiet kollha dekorribbli bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mill-ewwel (1) ta' Jannar, elfejn u tmintax (2018) fuq il-book balance ta' ħames mija u tlieta u sebgħin elf, mitejn u għoxrin Ewro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€573,220.49) kif spjegat, huwa dejn, ċert, likwidu u dovut lill-Bank rikorrenti in kwantu għall-ammont sħiħ mis-soċjetà konvenuta G. Caruana & Bros u in solidum in kwantu għall-ammonti limitati sal-garanziji, flimkien mal-imgħaxijiet kollha dekorribbli fuqhom, indikati fis-sub premessi numri 1.1 sa 1.10 ta' dan ir-rikors promotur, mill-garanti hemm indikati jiġifieri s-soċjetà Ambassador Clothing Limited, Alessia Caruana u Mirco Caruana bħala eredi tad-defunt Tonio Caruana, Desiree` Caruana, Ivan Caruana u martu Marion Caruana, u kif ukoll George Caruana, u fil-fehma tal-istess Bank rikorrenti, jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smigħ billi, fil-fehma tal-istess Bank rikorrenti, il-konvenuti ma għandhom ebda eċċezzjoni xi jressqu kontra t-talba għall-ħlas tal-imsemmi ammont komplessiv (inkluż l-imgħax);

4. **Illi**, għalkemm l-intimati ġew interpellati diversi drabi sabiex iħallsu l-ammont hawn fuq imsemmi lis-soċjetà rikorrenti, inkluż b'ittra ġudizzjarja ddatata 14 ta' Marzu, 2017, (*kopja hawn annessa u mmarkata bħala* **Dokument Z**) huma baqgħu inadempjenti;

Talab lill-Qorti sabiex:

i) **Tilqa'** t-talba tas-soċjetà rikorrenti u tagħti sentenza bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża a tenur tal-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

ii) **Tiddikjara** lill-konvenuti bħala debituri in solidum (jointly and severally) tal-Bank rikorrenti fl-ammonti segwenti:

- In kwantu għall-ammont sħiħ ta' tmien mija u tmienja u tletin elf, tliet mija u tnejn u sittin Ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€838,362.34), flimkien mal-imgħaxijiet kollha dekorribbli bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mill-ewwel (1) ta' Jannar, elfejn u tmintax (2018) fuq il-book balance ta' ħames mija u tlieta u sebgħin elf, mitejn u għoxrin Ewro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€573,220.49), skont kif spjegat fil-premessi ta' dan ir-rikors promotur, dovut mis-soċjetà konvenuta **G. Caruana & Bros**;

- In kwantu għall-ammont ta' erba' mija u ħamsa u tletin elf Ewro (€435,000), flimkien mal-imgħaxijiet kollha dekorribbli fuqu kif spjegat fil-premessi ta' dan ir-rikors promotur, liema somma hija parti ggarantita mill-ammont sħiħ suċċitat, dovut mill-garanti Alessia Caruana u Mirco Caruana bħala eredi tad-defunt Tonio Caruana, Desiree` Caruana, Ivan Caruana u martu Marion Caruana u minn George Caruana;

- In kwantu għall-ammont iggarantit ta' tliet mija u tmenin elf Ewro (€380,000), flimkien mal-imgħaxijiet kollha dekorribbli fuqu kif spjegat fil-premessi ta' dan ir-rikors promotur, liema somma hija parti ggarantita mill-ammont sħiħ suċċitat, dovut mis-soċjetà garanti Ambassador Clothing Limited;

iii) Konsegwentement, **tiddeċiedi, tordna** u **tikkundanna** li l-intimati jħallsu *in solidum* bejniethom lill-Bank rikorrenti s-somma ta' tmien mija u tmienja u tletin elf, tliet mija u tnejn u sittin Ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€838,362.34), flimkien mal-imgħaxijiet kollha dekorribbli bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mill-ewwel (1) ta' Jannar, elfejn u tmintax (2018) fuq il-book balance ta' ħames mija u tlieta u sebgħin elf, mitejn u għoxrin Ewro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€573,220.49) skont kif spjegat fil-premessi ta' dan ir-rikors promotur, b'dan illi fil-każ tal-garanti Alessia Caruana u Mirco Caruana, bħala eredi tad-defunt Tonio Caruana, Desiree`

Caruana, Ivan Caruana u martu Marion Caruana u George Caruana, l-massimu li għandhom jiġu kkundannati jħallsu *in solidum* bħala garanti huwa għall-ammont iggarantit ta' erba' mija u ħamsa u tletin elf Ewro (€435,000), flimkien mal-imgħaxijiet kollha dekorribbli fuqu kif spjegat fil-premessi ta' dan ir-rikors promotur u li fil-każ tal-garanti Ambassador Clothing Limited il-massimu li għandha tiġi kkundannata tħallas *in solidum* bħala garanti huwa għall-ammont iggarantit ta' tliet mija u tmenin elf Ewro (€380,000), flimkien mal-imgħaxijiet kollha dekorribbli fuqu kif spjegat fil-premessi ta' dan ir-rikors promotur, liema debitu jirriżulta fuq Loan Account Number 20000994201, Loan Account Number 20000994181, Loan Account Number 20000994212, Current Account (OD) Number 20000129192.

Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra ġudizzjarja ddatata l-erbatax (14) ta' Marzu, elfejn u sbatax (2017), u bl-imgħaxijiet legali mill-ewwel (1) ta' Jannar, elfejn u tmintax (2018) fuq il-book balance ta' ħames mija u tlieta u sebgħin elf, mitejn u għoxrin Ewro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€573,220.49).

Rat l-atti l-oħrajn tal-kawża.

Ikkunsidrat:

L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti Alessia, Mirco u Desiree` ġiet sorvolata permezz tad-digriet fuq imsemmi u għalhekk il-Qorti mhix sejra tieħu iktar konjizzjoni tagħha.

Permezz tat-tielet eċċezzjoni tagħhom, l-imsemmija konvenuti jsostnu li l-garanziji minnhom magħmula huma nulli billi saru qabel il-kuntratti li permezz tagħhom ġie kkostitwit id-debitu prinċipali u għalhekk qegħdin jagħmlu tajjeb għal obbligazzjoni li ma tiswiex (Artiklu 1926(1) tal-Kodiċi Ċivili). Għal din id-difiża l-Bank wieġeb li (i) il-garanziji jikkonformaw mad-disposizzjonijiet tal-Artiklu 1052 tal-Kodiċi Ċivili li jikkontemplaw l-

obbligazzjoni kondizzjonali u ċjoe` meta magħmula li tiddependi minn ġrajja mhux żgura u li għad trid tiġri. Dan huwa minnu. Skont l-iskritturi tal-garanziji in kwistjoni, il-konvenuti daħlu garanti mhux biss għal djun eżistenti, imma wkoll għal dawk futuri; u (ii) L-iffirmar antiċipat tal-garanziji sar skont il-prassi bankarja. Il-konvenuti jsostnu li l-Bank ma ġieb l-ebda prova ta' din il-prassi. Billi l-iskritturi tal-garanzija huma validi skont il-Kodiċi Ċivili, huwa superfluwu, jekk mhux ukoll illoġiku, li jiġi kkunsidrat sarux skont xi prassi bankarja jew le, ammontanti għal użu kummerċjali b'deroga għall-Kodiċi Ċivili. Għalhekk it-tielet eċċezzjoni msemmija hija priva minn bażi legali.

Permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali tas-16 ta' Settembru 2016 li l-konvenuta Desiree` Darmanin għamlet ma' żewġha, ġiet meħlusa minn kull dejn ivi msemmi, inkluż dak konness mas-soċjeta` konvenuta u s-soċjeta` garanti. Dan il-kuntratt iżda għall-Bank huwa *res inter alios acta* u għalhekk ma jiswiex fil-konfront tiegħu. Ir-raba' eċċezzjoni tal-imsemmija konvenuti hija għalhekk ukoll mingħajr fundament ġuridiku.

Permezz tal-ħames eċċezzjoni, l-istess konvenuti eċċepew li huma m'obbligawx ruħhom għall-ammont kollu dovut mid-debitriċi prinċipali. Fl-istess sens hija t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti Ivan Caruana u George Caruana. Dan huwa minnu. B'danakollu, dawn l-eċċezzjonijiet m'għandhomx iktar siwi in vista tal-emendi li saru għall-att promotur.

Wara l-*call in* il-Bank iddebita mgħax sempliċi u għalhekk ir-raba' eċċezzjoni tal-konvenuti Ivan Caruana u George Caruana hi mingħajr siwi.

Fil-każ ta' *loan accounts,* b'differenza għal *overdraft accounts,* ma tistax issir kapitalizzazzjoni tal-imgħaxijiet[4], salv l-eċċezzjonijiet statutorji, li ma japplikawx għall-każ preżenti. Lanqas ma jista' jkun hemm prassi

[4] Bank of Valletta Ltd v. Anna's Trading Co. Ltd et 06.12.2002 Qorti tal-Appell.

bankarja legali f'dan is-sens – kif jallega l-Bank attur - għaliex tkun tammonta għal konswetudni kontra l-ordni pubbliku. Għalhekk il-ħames eċċezzjoni tal-konvenuti G Caruana & Bros, Ambassador Clothing Limited, Ivan Caruana u George Caruana hija waħda valida. Ikkomputat skont dawn il-kriterji, id-dejn tad-debitur prinċipali għandu jiġi kkalkolat bil-mod segwenti:

| | Talba | | Imgħax sempliċi fil-każ tal-*loans* | |
|---|---|---|---|---|
| | kapital | imgħax | kapital | imgħax |
| 20000994201Loan | 271,674.13 | 129,886.17 | 237,919.39 | 34,634.11 |
| 20000994181 Loan | 46,710.20 | 20,677.36 | 45,279.75 | 727.86 |
| 20000994212 Loan | 39,315.78 | 17.245.68 | 39,068.21 | 469.80 |
| Overdraft | 215,520.38 | 97,332.64 | 215,520.38 | 97,332.64 |
| Totali | 573,220.49 | 265,141.85 | 537,787.73 | 133,164.41 |
| Gran Total | €838,362.34 | | €670,952.14 | |

L-iskritturi tal-garanziji ma jagħmlux riferenza espliċita għal xi *loan* jew *overdraft account* partikolari. Huma *open-ended* u japplikaw għal kwalunkwe obbligazzjoni ta' kreditu kkuntrattata mid-debitur ewlieni favur il-Bank: "*All money and liabilities whatever and however incurred, and whether now or in the future due, or becoming due, from the Borrower to the Bank*" (Klawżola 3(a)(i)). Għalhekk il-garanti huma debituri sal-ammonti rispettivi garantiti minnhom fil-limitu tal-ammont sħiħ dovut mid-debitriċi ewlenija.

***Decide:***

Għal dawn il-motivi, l-Qorti filwaqt li tiċħad dawk l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li mhumiex kompatibbli ma' din id-deċiżjoni, tilqa' in parte t-talbiet tal-Bank attur billi:

(1) tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba.

(2) Tiddikjara lill-konvenuti bħala debituri in solidum fl-ammonti segwenti:

€670,952.14, flimkien mal-imgħaxijiet kollha dekorribbli bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mill-1 ta' Jannar 2018 dovut mis-soċjetà konvenuta G. Caruana & Bros.

€435,000, flimkien mal-imgħaxijiet kollha dekorribbli bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mill-1 ta' Jannar 2018 dovut mill-garanti Alessia Caruana u Mirco Caruana bħala eredi tad-defunt Tonio Caruana, Desiree` Caruana, Ivan Caruana u martu Marion Caruana u minn George Caruana.

€380,000, flimkien mal-imgħaxijiet kollha dekorribbli bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mill-1 ta' Jannar 2018, dovut mis-soċjetà garanti Ambassador Clothing Limited.

(3) Tikkundanna lill-konvenuti biex iħallsu solidalment bejniethom id-debiti suċċitati.

Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra ġudizzjarja ddatata l-erbatax (14) ta' Marzu, elfejn u sbatax (2017).

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA